Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8322/25

LIMITE

CORLX 398
CFSP/PESC 603
RELEX 488
COEST 316
FIN 440

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/…**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014
dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj.

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi sabiex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 17-il persuna u 58 entità responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

PUBLIC

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., …

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

PUBLIC

PUBLIC

# ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1928. | Alexey Nikolaevich VYAZNIKOV<br>bir-Russu: Алексей Николаевич ВЯЗНИКОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Central Research Institute "Elektron"<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 352532426650 | Alexey Vyaznikov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Central Research Institute "Elektron", kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura, li rebħet kuntratt ta' akkwist mill-gvern għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għall-industrija tad-difiża Russa. Għalhekk, Alexey Nikolaevich Vyaznikov qed jappoġġa u jibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1929. | Alexey Alexeyevich SHASHKOV<br>bir-Russu: Алексей Алексеевич ШАШКОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Research Institute of Space Instrumentation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 241102592856<br>Entitajiet assoċjati: JSC Research Institute of Space Instrumentation | Alexey Shashkov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Research Institute of Space Instrumentation, kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura li rebħet kuntratt ta' akkwist mill-gvern għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għall-industrija tad-difiża Russa. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC Research Institute of Space Instrumentation, Alexey Shashkov qed jappoġġa u jibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Huwa assoċjat ma' JSC Research Institute of Space Instrumentation. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1930. | Victor Anatolievich POLYAKOV<br>bir-Russu: Виктор Анатольевич ПОЛЯКОВ<br>magħruf ukoll bħala Viktor Anatolyevich POLYAKOV | Funzjoni: Direttur Maniġerjali ta’ PJSC "UEC-Saturn"<br>Data tat-twelid: 26.4.1953<br>Post tat-twelid: Shcherbakov, USSR (illum Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 761002622912<br>Entitajiet assoċjati: PJSC UEC-Saturn | Victor Anatolievich Polyakov huwa Direttur Maniġerjali ta' PJSC "UEC-Saturn", parti minn JSC United Engine Corporation Russia (UECRUS), li tappartjeni lill-Korporazzjoni tal-Istat “Rostec”.<br>PJSC “UEC-Saturn” timmanifattura magni għall-inġenji tal-ajru militari Su-30, Su-35 u Su-57 li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, tipproduċi magni għall-missili kruċieri strateġiċi mill-ajru għall-art Kh-101, li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna.<br>Għalhekk, bħala Direttur Maniġerjali ta' PJSC "UEC-Saturn", Victor Anatolievich Polyakov qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u huwa assoċjat ma' PJSC "UEC-Saturn". | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1931. | Konstantin Yuryevich NIKOLAYEV<br><br>bir-Russu: Константин Юрьевич НИКОЛАЕВ | Funzjoni: Negozjant Russu<br><br>Data tat-twelid: 5.3.1971<br><br>Post tat-twelid: Dniepropetrovsk, USSR (illum Ukraine)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771201297011 | Konstantin Nikolayev huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fil-kumpless militari u industrijali Russu. B'mod partikolari, huwagħandu interessi fil-kumpaniji Russi Promtekhnologiya LLC, ScanEx u Tula Cartridge Plant. Dawk il-kumpaniji jikkooperaw mas-servizzi militari u ta' sigurtà Russi, billi jfornulhom hardware militari li ntuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Konstantin Nikolayev jaħbi s-sjieda u l-interess tiegħu f'dawk in-negozji, fost oħrajn billi jpoġġi lil martu Svetlana Nikolayeva f'pożizzjonijiet maniġerjali viżibbli. Barra minn hekk, permezz tan-negozji tiegħu huwa ffinanzja lil gruppi merċenarji li qed jiġġieldu għall-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Konstantin Nikolayev qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern Russu u qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1932. | Nikolay Yevgenyevich LOBAEV<br>bir-Russu: Николай Евгеньевич ЛОБАЕВ | Funzjoni: Kofundatur tal-grupp ta' entitajiet Lobaev; azzjonist u eks Direttur Ġenerali ta' LLC "Trading House 'Lobaev Arms'"<br>Data tat-twelid: 1.6.1974<br>Post tat-twelid: Rostov-On-Don, USSR (illum Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771986198929<br>Entitajiet assoċjati: LLC "Trading House 'Lobaev Arms'"<br>Individwi assoċjati: Vladislav Yevgenyevich Lobaev | Nikolay Lobaev huwa azzjonist ta' LLC "'Trading House 'Lobaev Arms'" (Lobaev Arms), u flimkien ma' ħuh Vladislav Lobaev huwa l-kofundatur tal-grupp ta' entitajiet Lobaev. Huwa wkoll l-eks Direttur Ġenerali ta' Lobaev Arms. Lobaev Arms tipproduċi bil-massa u tadatta azzarini li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala azzjonist ta' Lobaev Arms, huwa qed jibbenefika finanzjarjament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Lobaev Arms u ma' ħuh Vladislav Lobaev. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1933. | Elena Anatolyevna LOBAEVA<br><br>bir-Russu: Елена Анатольевна ЛОБАЕВА | Funzjoni: Sidt LLC Construction Bureau of Integrated Systems<br><br>Data tat-twelid: 23.1.1974<br><br>Post tat-twelid: Volgograd, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770471404343<br><br>Entitajiet assoċjati: LLC Construction Bureau of Integrated Systems; "LLC Trading House 'Lobaev Arms'" | Elena Lobaeva hija sidt LLC Construction Bureau of Integrated Systems (LLC KBIS). LLC KBIS tagħmel parti mill-grupp ta' entitajiet Lobaev, li jimmanifattura azzarini ta' preċiżjoni għolja. LLC KBIS tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni pilota ta' armi bi preċiżjoni għolja u fuq distanza twila, sistemi ta' sparar, u prodotti innovattivi oħra. LLC KBIS hija d-detentur tat-trademarks "Lobaev Robotics" u "Lobaev Arms". L-azzarini ta' Lobaev Arms (immanifatturati minn LLC "Trading House 'Lobaev Arms'") jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-azzarini ta' Lobaev Arms jinxtraw uffiċjalment mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Elena Lobaeva qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u qed tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Barra minn hekk, Elena Lobaeva hija assoċjata ma' LLC "Trading House 'Lobaev Arms'" u ma' LLC KBIS. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1934. | Viktor Alekseevich NOVIKOV<br><br>bir-Russu: Виктор Алексеевич НОВИКОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC UAP "Gidravlika"<br><br>Data tat-twelid: 14.3.1967<br><br>Post tat-twelid: Ishimbay, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 027412035777<br><br>Entitajiet assoċjati: JSC UAP "Gidravlika" | Viktor Novikov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC UAP "Gidravlika". UAP "Gidravlika" hija parti minn JSC "Technodinamika" u hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Il-kumpanija tiżviluppa, timmanifattura u ssewwi komponenti (inkluż magni u filtri) għall-avjazzjoni u tagħmir militari. JSC UAP "Gidravlika" tagħti appoġġ materjali (inkluż xbieki tal-camouflage magħmula mill-ħaddiema tal-kumpanija) lis-suldati Russi fuq il-front fl-Ukrajna. Għalhekk, bħala Direttur Ġenerali ta' JSC UAP "Gidravlika", Viktor Novikov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1935. | Alexey Mikhaylovich YEFREMOV<br>bir-Russu: Алексей Михайлович ЕФРЕМОВ<br>magħruf ukoll bħala Alexey Mikhaylovich EFREMOV | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' State Unitary Enterprise "State Grain Operator"<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 615435962020<br>Entitajiet assoċjati: State Unitary Enterprise "State Grain Operator" | Alexey Yefremov huwa d-Direttur Ġenerali ta' State Unitary Enterprise "State Grain Operator", entità stabbilita mill-awtoritajiet okkupanti fir-reġjun okkupat illegalment ta' Zaporizhzhia tal-Ukrajna. SUE "State Grain Operator" ilha mill-2022 tintegra l-faċilitajiet agrikoli lokali taċ-ċereali u tisfrutta l-produzzjoni tagħhom, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet okkupanti. Għalhekk, Alexey Yefremov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u huwa assoċjat ma' SUE "State Grain Operator". | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1936. | Nikolay Konstantinovich ZHERNOV<br><br>bir-Russu: Николай Константинович ЖЕРНОВ | Funzjoni: Direttur ta' LLC "Aerofregat"<br><br>Data tat-twelid: 24.2.1981<br><br>Post tat-twelid: Novosibirsk, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Entitajiet assoċjati: LLC "Aerofregat" | Nikolay Zhernov huwa d-Direttur ta' LLC "Aerofregat". Dik il-kumpanija hija attiva fil-kumpless militari u industrijali Russu, b'mod partikolari fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Mill-2024 'l hawn, żviluppat żewġ mudelli speċifiċi ta' UAV, imsejħa "Kasatka" u "Tribunal", li t-tnejn għandhom applikazzjoni militari u ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Nikolay Zhernov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1937. | Elena Alexandrovna MOROZOVA<br>bir-Russu: Елена Александровна МОРОЗОВА | Funzjoni: Direttur ta' State Museum-Preserve "Tauric Chersonese"<br>Data tat-twelid: 7.2.1972<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara<br>Numru Individwali tat-Taxxa: 780428224742 | Elena Morozova hija d-Direttur ta' State Museum-Preserve "Tauric Chersonese", mużew li jopera f'Sevastopol. Minn meta ġiet annessa l-Krimea, il-mużew dgħajjef b'mod attiv il-wirt kulturali Ukren billi ppromwova narrattivi favur ir-Russja rigward is-sinifikat kulturali tal-artefatti u s-siti ta' skavar amministrati minnu. Wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, il-mużew uża l-pjattaforma tiegħu biex jippromwovi l-invażjoni u l-atturi li jwettquha, inkluż l-organizzazzjoni ta' konsenji ta' provvisti lejn il-front. Għalhekk, Elena Morozova hija responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1938. | Dmitry Vasilevich KUZYAKIN<br>bir-Russu: Дмитрий Васильевич КУЗЯКИН | Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC "Center for Integrated Unmanned Solutions"<br>Data tat-twelid: 29.6.1974<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 501306766736 | Dmitry Kuzyakin huwa l-fundatur, Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC "Center for Integrated Unmanned Solutions", kumpanija li tagħmel parti mill-kumpless militari u industrijali Russu. LLC "Center for Integrated Unmanned Solutions" tieħu ħsieb iċ-ċiklu sħiħ ta' sistemi ta' viżwalizzazzjoni fl-ewwel persuna (FPV) għall-użu fil-ġlied, mit-taħriġ tal-persunal fil-pilotaġġ u l-użu effettiv sal-produzzjoni ta' apparati finali u tagħmir fuq l-art. Ibbażata f'Zhukovsky fl-Oblast ta' Moska, li huwa ċ-ċentru tar-riċerka tal-avjazzjoni Russa, l-LLC "Center for Integrated Unmanned Solutions" tiżviluppa u tipproduċi inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) li jiġu fornuti lill-Forzi Armati Russi u jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Dmitry Kuzyakin qed jappoġġa materjalment azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali Russu, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1939. | Sergey Anatolyevich KOGOGIN<br><br>bir-Russu: Сергей Анатольевич КОГОГИН | Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Bord Maniġerjali ta' KAMAZ PJSC<br><br>Data tat-twelid: 16.11.1957<br><br>Post tat-twelid: Bolshie Klyuchi, Tatarstan, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 164804995925 | Sergey Kogogin huwa d-Direttur Ġenerali ta' KAMAZ Publicly Traded Company (KAMAZ PJSC).<br><br>KAMAZ PJSC hija kumpanija Russa li tiżviluppa u timmanifattura vetturi u tagħmir militari. Ipproduċiet il-vetturi KAMAZ-5350, KAMAZ-6350 u KAMAZ-6560, li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'Novembru KAMAZ PJSC irreferiet għall-fatt li l-fabbrika tagħha qed topera fil-limiti tal-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-ordnijiet ta' armi. F'April 2022 ippubblikat ukoll filmat li fih intuża s-simbolu "Z" li jesprimi appoġġ għall-operazzjoni fl-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, bħala Direttur Ġenerali ta' KAMAZ PJSC, Sergey Kogogin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u huwa assoċjat ma' KAMAZ PJSC. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1940. | Vladislav Vladimirovich KUZHEL<br>bir-Russu: Владислав Владимирович КУЖЕЛЬ | Funzjoni: Azzjonist ta' LLC "Moscow Arms Company"<br>Data tat-twelid: 6.8.1971<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 572500836211 | Vladislav Kuzhel huwa l-uniku azzjonist ta' LLC "Moscow Arms Company", li timmanifattura armi u munizzjon, b'mod partikolari azzarini sniper tas-serje Raptor Tactical u Specter, għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. L-azzarini sniper tas-serje Raptor ilhom mill-2022 jintużaw minn snipers tal-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC "Moscow Arms Company" ittejjeb id-disinn tal-azzarini manifatturati tagħha f'koordinazzjoni mal-Forzi Armati Russi u l-Università Russa tal-Forzi Speċjali (Gudermes). L-azzarini sniper li tipproduċi LLC "Moscow Arms Company" jintużaw b'mod attiv mill-isnipers Russi fuq il-front. Ġew fornuti mill-inqas 350 kumpless ta' azzarini sniper immanifatturati minn LLC "Moscow Arms Company" lill-Forzi Armati Russi.<br>Għalhekk, Vladislav Kuzhel qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1941. | Yaroslav Viktorovich TABOLSKY<br><br>bir-Russu: Ярослав Викторович ТАБОЛЬСКИЙ | Funzjoni: Maniġer Ġenerali ta' LLC "Moscow Arms Company"<br><br>Data tat-twelid: 6.8.1981<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772577927403 | Yaroslav Tabolsky huwa Maniġer Ġenerali ta' LLC "Moscow Arms Company", li timmanifattura armi u munizzjon, b'mod partikolari azzarini sniper tas-serje Raptor Tactical u Specter, għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. L-azzarini sniper tas-serje Raptor ilhom mill-2022 jintużaw minn snipers tal-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC "Moscow Arms Company" ittejjeb id-disinn tal-azzarini manifatturati tagħha f'koordinazzjoni mal-Forzi Armati Russi u l-Università Russa tal-Forzi Speċjali (Gudermes). L-azzarini sniper li tipproduċi LLC "Moscow Arms Company" jintużaw b'mod attiv mill-isnipers Russi fuq il-front. Ġew fornuti mill-inqas 350 kumpless ta' azzarini sniper immanifatturati minn LLC "Moscow Arms Company" lill-Forzi Armati Russi.<br><br>Għalhekk, Yaroslav Tabolsky qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1942. | Nikolay Dmitrievich ROGALEV<br><br>bir-Russu: Николай Дмитриевич РОГАЛЁВ<br><br>magħruf ukoll bħala Nikolay Dmitrievich Rogalyov | Funzjoni: Rettur tal-Università Nazzjonali tar-Riċerka "Moscow Power Engineering Institute"<br><br>Data tat-twelid: 17.2.1962<br><br>Post tat-twelid: Urussu, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 501707136280 | Nikolay Rogalev huwa r-rettur tal-Università Nazzjonali tar-Riċerka "Moscow Power Engineering Institute", li hija università pubblika fir-Russja. Din qed tipparteċipa b'mod attiv fil-kampanja "Universities for the Front!" ikkoordinata mill-Ministeru għax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja tal-Federazzjoni Russa. Bħala parti minn dik il-kampanja, l-universitajiet Russi jibagħtu għajnuna materjali lis-suldati Russi li jipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Il-Moscow Power Engineering Institute huwa involut f'attivitajiet bħal dawn. L-istudenti u l-persunal tagħha jibagħtu tagħmir (bħal backpacks, ġkieket bulletproof, kaxxi tattiċi għall-ewwel għajnuna u stretchers) lis-suldati. Fil-laboratorju sperimentali tal-Istitut ġew prodotti tagħmir tas-sappers u stufi għas-suldati, u mbagħad dawn intbagħtu lis-suldati fuq il-front. Għalhekk, bħala r-rettur tal-Università Nazzjonali tar-Riċerka "Moscow Power Engineering Institute", Nikolay Rogalev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | +" |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1943. | Ravil Ramilievich NURGALEEV<br><br>bir-Russu: Равиль Рамильевич НУРГАЛЕЕВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC "Molot-Oruzhie"<br><br>Data tat-twelid: 9.10.1974<br><br>Post tat-twelid: Sosnovka, Vyatsko-Polyansky District, Kirov Region, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Ravil Nurgaleev huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC "Molot-Oruzhie", kumpanija Russa li tfassal u timmanifattura armi, b'mod partikolari snieter tas-serje Vepr-12, għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tipproduċi wkoll diversi modifiki tal-mitraljatriċi RPK 74 u l-lanċjatur awtomatiku tal-granati ASG-17, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | LLC "Molot-Oruzhie" hija proprjetà ta' LLC "NORTEX", li min-naħa tagħha hija proprjetà ta' Ravil Nurgaleev. Għalhekk, Ravil Nurgaleev mhuwiex biss id-Direttur Ġenerali ta' LLC Molot-Oruzhie, iżda wkoll is-sid benefiċjarju tagħha. Barra minn hekk, bħala deputat tal-assemblea leġiżlattiva tar-reġjun ta' Kirov, membru tal-partit politiku "United Russia" u membru tal-Bord ta' Fiduċjarji ta' "Za Vyatka Charitable Foundation", Ravil Nurgaleev qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Għalhekk, bħala Direttur Ġenerali u sid benefiċjarju ta' LLC "Molot-Oruzhie", Ravil Nurgaleev qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u qed ikompli jappoġġa materjalment il-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1944. | Alexey Viktorovich CHADAYEV<br>bir-Russu: Алексей Викторович ЧАДАЕВ | Funzjoni: Direttur ta' Scientific-Research Centre "Ushkuynik"<br>Data tat-twelid: 30.9.1978<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Alexey Chadayev huwa d-Direttur ta' Scientific-Research Centre "Ushkuynik", kumpanija li tipproduċi vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) għall-benefiċċju tal-militar Russu. Il-prodott ewlieni tagħha huwa l-vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV) bil-fibra ottika fuq medda qasira u reżistenti għall-gwerra elettronika msemmija "Kniaz Vandal Novgorodskiy" (KVN), li tintuża mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija għandha wkoll permess mill-Gvern Russu biex tlaqqa' flimkien u tikkoordina l-isforzi tal-inġiniera u l-kumpaniji ta' kostruzzjoni tal-UAVs sabiex jinħolqu u jiġu ttestjati tipi ġodda ta' UAVs f'Veliky Novgorod.<br>Għalhekk, Alexey Chadayev qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | +"; |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "543. | Joint Stock Company "Research Institute of Space Instrumentation"<br>bir-Russu: Акционерное общество "Научно-Исследовательский Институт Космического Приборостроения"<br>magħrufa wkoll bħala JSC Research Institute of Space Instrumentation<br>magħrufa wkoll bħala АО "НИИ КП" | Indirizz: Aviamotornaya 53, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 25.5.2020<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1207700173581<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7722488005<br>Individwi assoċjati: Alexey Alekseevich Shashkov | JSC Research Institute of Space Instrumentation hija kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura li rebħet kuntratt ta' akkwist mill-gvern għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għall-industrija tad-difiża Russa. Għalhekk, JSC Research Institute of Space Instrumentation tagħmel parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 544. | Limited Liability Company "Construction Bureau of Integrated Systems"<br><br>bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Конструкторское Бюро Интегрированных Систем" | Indirizz: 249100, Russian Federation, Kaluga region, Tarus district, Tarusa, Lenin street, Zd. 61, Str. 1, Office 1<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 8.5.2003<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1037703022158<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7703371192<br><br>KPP: 401801001<br><br>Email: kbis111olga@mail.ru; cannon49@mail.ru | LLC Construction Bureau of Integrated Systems (LLC KBIS) tagħmel parti mill-grupp ta' entitajiet Lobaev, li jimmanifattura azzarini ta' preċiżjoni għolja. LLC KBIS tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni pilota ta' armi bi preċiżjoni għolja u fuq distanza twila, sistemi ta' sparar u prodotti innovattivi oħra. LLC KBIS hija d-detentur tat-trademarks "Lobaev Robotics" u "Lobaev Arms". L-azzarini ta' Lobaev Arms (immanifatturati minn LLC "Trading House 'Lobaev Arms'") jinxtraw b'mod uffiċċjali mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħrufa wkoll bħala OOO "Конструкторское Бюро Интегрированных Систем"<br><br>magħrufa wkoll bħala LLC KBIS<br><br>magħrufa wkoll bħala LLC Design Bureau of Integrated Systems<br><br>magħrufa wkoll bħala LLC Design Bureau of Integration Systems<br><br>magħrufa wkoll bħala OOO КБИС | | Għalhekk, LLC KBIS qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u qed tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Billi hija involuta fl-iżvilupp ta' teknoloġija u tagħmir militari, LLC KBIS qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.<br><br>Barra minn hekk, LLC KBIS hija assoċjata ma' LLC "Trading House 'Lobaev Arms'" peress li LLC KBIS hija d-detentur tat-trademark "Lobaev Arms" u tiżviluppa l-azzarini ta' Lobaev Arms, filwaqt li LLC "Trading House 'Lobaev Arms'" hija responsabbli għall-produzzjoni tal-massa u l-adattament ta' dawn l-azzarini. | |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 545. | Limited Liability Company "Trading House 'Lobaev Arms'"<br><br>bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Торговый Дом 'Лобаев Армс'"<br><br>magħrufa wkoll bħala ООО Торговый Дом Лобаев Армс<br><br>magħrufa wkoll bħala Лобаев Армс | Indirizz: 249100, Russian Federation, Kaluga region, Tarus district, Tarusa, Lenin street, Zd. 61, Str. 1, Office 1<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 15.7.2016<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1164027059382<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4018011096<br><br>KPP: 401801001 | LLC "Trading House 'Lobaev Arms'" (LLC Lobaev Arms) hija bejjiegħ bl-imnut ta' armi, inkluż azzarini ta' Lobaev Arms, u ta' munizzjon. L-azzarini ta' Lobaev Arms jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-użu mifrux tal-azzarini ta' Lobaev Arms għamilhom wieħed mis-simboli tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Għalhekk, LLC Lobaev Arms qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. L-azzarini ta' Lobaev Arms jinxtraw uffiċjalment mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, u għalhekk LLC Lobaev Arms qed tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Barra minn hekk, LLC Lobaev Arms hija assoċjata ma' LLC Construction Bureau of Integrated Systems, li għandha t-trademark "Lobaev Arms" u hija responsabbli għall-iżvilupp tal-azzarini ta' Lobaev Arms. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 546. | Limited Liability Company "Stan"<br>bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Стан"<br>magħrufa wkoll bħala СТАН ООО<br>magħrufa wkoll bħala STAN LLC<br>magħrufa wkoll bħala ООО "Стан" | Indirizz: 127018, Russian Federation, Moscow, Ul. Sushchevskiy Val, D. 18<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 17.12.2009<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1097746813010<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7703712332<br>KPP: 771501001<br>Sit web: https://stan-company.ru/ | LLC Stan hija manifattur Russu ta' makkinarji għodod li tipproduċi magni moderni ta' kontroll numeriku għal industriji ta' teknoloġija avvanzata, inkluż l-ajruspazju u d-difiża. Il-kumpanija topera taħt RT-Capital ta' State Corporation Rostec u tforni magni tat-tħaffir u tat-tħin avvanzati, bħall-VMB 55, lil intrapriżi involuti fil-manifattura tal-inġenji tal-ajru u tal-magni. LLC Stan forniet makkinarju kbir lil Tupolev PJSC, li tipproduċi t-trasportaturi strateġiċi tal-missili Tu-160. LLC Stan iffirmat kuntratti b'valur ta' aktar minn 14-il biljun rublu ma' intrapriżi ewlenin fid-difiża, inkluż UEC-Kuznetsov, Uralvagonzavod u Admiralty Shipyards. LLC Stan ikkontribwiet għat-tagħmir tekniku mill-ġdid ta' 123 Aircraft Repair Plant u Tactical Missile Armament Corporation. Barra minn hekk, il-makkinarji għodod tagħha jintużaw fil-produzzjoni ta' magni PD-8 u PD-14 għall-inġenji tal-ajru militari, inkluż l-inġenji tal-ajru anfibji SJ-100 u Be-200. Il-Be-200 jitħaddem minn 859th Center for the Combat Use of Naval Aviation f'Yeysk. Għalhekk, LLC Stan qed tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. LLC Stan qed tappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 547. | Joint Stock Company "Soedinitel"<br>bir-Russu: Акционерное общество "Соединитель"<br>magħrufa wkoll bħala JSC "Soedinitel"<br>magħrufa wkoll bħala AO "Соединитель" | Indirizz: 456313, Chelyabinsk region, Miass district, Miass, Turgoyak highway, 11/5, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 24.3.1993<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027400875149<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7415015198<br>OKPO: 21620758 | JSC Soedinitel hija intrapriża involuta fl-iżvilupp u l-manifattura ta' konnetturi, kif ukoll immuntar tal-kejbils għal skopijiet speċjali ddisinjati għal ambjenti aggressivi u korrużivi, u li jistgħu jiġu soġġetti għal pressjonijiet għoljin u bidliet sinifikanti fit-temperatura. JSC Soedinitel twettaq riċerka u żvilupp fl-interess tal-Ministeru għad-Difiża u l-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa, u għandha liċenzja għall-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' tagħmir militari u liċenzja biex taċċessa informazzjoni klassifikata. JSC Soedinitel tuża materjali (materja prima) u komponenti ta' manifattura Russa, b'hekk timplimenta b'mod attiv il-programm Russu ta' sostituzzjoni tal-importazzjoni, u timmanifattura prodotti għall-kumpless militari u industrijali tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Soedinitel qed tappoġġa u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari, u qed tappoġġa wkoll lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 548. | Joint Stock Company Volga Shipping<br>bir-Russu: Акционерное Общество "Судоходная Компания 'Волжское Пароходство'"<br>magħrufa wkoll bħala JSC Volga Shipping | Indirizz: 603001, Nizhny Novgorod Region, Nizhny Novgorod, Markina Sq., Bldg.15A, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1025203016717<br>Data tar-reġistrazzjoni: 21.8.2002<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5260902190<br>KPP: 526001001 | JSC Volga Shipping hija waħda mill-kumpaniji tat-tbaħħir Russi ewlenin. Timmaniġġa bastimenti li jġorru bil-baħar żejt mhux maħdum u prodotti taż-żejt, inkluż għal skopijiet ta' esportazzjoni. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk, JSC Volga Shipping hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 549. | Petropavlovsk PLC<br>magħrufa wkoll bħala Atlas Mining LLC | Indirizz:<br>Opus Restructuring LLP, 1 Radian Court, Knowlhill, Milton Keynes, Buckinghamshire, MK5 8PJ, United Kingdom<br>Amur region, Blagoveshchensk, st. Lenina, 140/1, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Responsabbiltà Limitata<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 04343841 (United Kingdom)<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1994<br>Sit web: https://petropavlovskplc.com/ru/ | Petropavlovsk PLC hija kumpanija Russa tal-estrazzjoni tad-deheb li topera fis-settur tad-deheb Russu, li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Petropavlovsk PLC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 550. | Joint Stock Company "41 Central Plant of Railway Equipment"<br>bir-Russu: Акционерное общество "41 Центральный Завод Железнодорожной Техники"<br>magħrufa wkoll bħala АО "41 Центральный Завод"<br>magħrufa wkoll bħala АО "41 Центральный Завод Железнодорожной Техники"<br>magħrufa wkoll bħala JSC "41 Central Plant" | Indirizz: 140008, Russian Federation, Lyubertsy, Proezd Proektiruemyi 4296, Vladenie 3<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 18.6.2009<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1095027006722<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5027150193<br>KPP: 502701001<br>Sit web: http://41zavod.ru<br>Tel: +7 (495) 500-10-20 | JSC "41 Central Plant of Railway Equipment" hija kumpanija tal-industrija militari Russa li timmanifattura u tforni kumplessi ta' tiswija mobbli għall-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Hija speċjalizzata fil-forniment ta' tagħmir għat-Truppi Ferrovjarji tal-Forzi Armati Russi. Għalhekk, JSC “41 Central Plant of Railway Equipment“ qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
